MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Numru 244/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

Victor Testa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 414163(M) talli fi Triq Santa Duminka f’Haz Zabbar, nhar il-Hadd 25 ta’ Marzu, 2007 ghall-habta ta’ xi s-saghtejn ta’ wara nofsinhar talli:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Alexsandra Abdilla minn Bormla f’periklu car, hebb ghaliha u taha diversi daqqiet ta’ ponn fuq wiccha u rasha, kif ukoll tfielha sigarett jaqbad taht ghajnejha tax-xellug, fejn ikkagunalha hsara fil-gisem taghha u cioè diversi feriti

ta’ natura gravi skond ma ccertifikat Dr. Dorothy Zammit MD., mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid; liema offizi jistghu jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew igibu difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem taghha.

2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat, bil-glied jew b’mod iehor;

3. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi qal kliem jew espressjonijiet ta’ dagha;

4. f’dawn l-ahhar hmistax il-jum, uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn providitur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;

5. sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap IX tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, diversiment preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta’ l-imsemmija Alexandra Abdilla, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Victor Testa b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ opposizzjoni minn naha tieghu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni.

Semghet lill-imputat wkoll fl-udjenza tal-lum jirregistra ammisjoni fl-liema huwa nsista anka wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra.

Illi fuq ammisjoni volontarja u inkondizjonata tieghu ssibu hati tal-akkuzi konrih dedotti. Wara li rat 215, 216, 338 (bb), 342, 49, 50, 289 tal-Kap 9 tal-Artikolu 35(1) (d) tal-Kap 399 tiddeciedi li tikkundannahy komplessivament ghal-piena ta' 15-il xahar prigunerija li izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendi ghal tlett snin mil-lum sakemm ma jikkomettix reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu sospiz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------